TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 270/13-F

**Tessie Bellizzi**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 24 ta' Ġunju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Novembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' disa' mitt ewro (€900), rappreżentanti tank ta' l-ilma tas-sistema tas-*solar water heater* stante li dan beda jillikja u illi talbet ukoll il-garanzija ta' ħames snin.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi t-tank tas-*solar water heater* qiegħed iqattar u għalhekk mhux tajjeb għall-użu, u għalhekk trid ieħor ġdid u kif ukoll li terġa' tiġġedded il-garanzija.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Fil-kors tal-kawża t-Tribunal, jinnota li l-intimat issostitwixxa t-tank ta' l-ilma b'wieħed ġdid.

Illi jidher li baqa' xi tiżgwid bil-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jordna lis-soċjeta' ntimata illi tagħti garanzija ta' ħames snin mid-data tal-preżentata tal-kawża, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888